Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

# Klawżoli Kuntrattwali Standard

Għall-finijiet tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament 2016/679 (il-GDPR)

bejn

[ISEM]
CVR [CVR-NRU]
[INDIRIZZ]
"[KODIĊI POSTALI U BELT]"
[PAJJIŻ]

(il-kontrollur tad-*data*)

u

[ISEM]
CVR [CVR-NRU]
[INDIRIZZ]
"[KODIĊI POSTALI U BELT]"
[PAJJIŻ]

(il-proċessur tad-*data*)

kull wieħed "parti"; flimkien "il-partijiet"

QABLU dwar il-Klawżoli Kuntrattwali li ġejjin (il-Klawżoli) sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-GDPR u biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*.

# 1. Werrej


2. Preambolu ........................................................................................................ 3

3. Id-drittijiet u l-obbligi tal-kontrollur tad-*data* ........................................................... 3

4. Il-proċessur tad-*data* jaġixxi skont l-istruzzjonijiet ................................................ 4

5. Kunfidenzjalità ................................................................................................... 4

6. Is-sigurtà tal-ipproċessar .................................................................................... 4

7. L-użu tas-sottoproċessuri .................................................................................... 5

8. It-trasferiment ta' *data* lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali .................... 6

9. Assistenza lill-kontrollur tad-*data* ......................................................................... 6

10. Notifika ta' ksur ta' *data* personali ..................................................................... 7

11. Tħassir u ritorn ta' *data* ................................................................................... 8

12. Verifika u spezzjoni .......................................................................................... 8

13. Il-ftehim tal-partijiet dwar termini oħra ................................................................ 9

14. Bidu u terminazzjoni ......................................................................................... 9

15. Kuntatti/punti ta' kuntatt tal-kontrollur tad-*data* u tal-proċessur tad-*data* ........................... 9

Appendiċi A Informazzjoni dwar l-ipproċessar ........................................................... 11

Appendiċi B Sottoproċessuri awtorizzati .................................................................. 12

Appendiċi C Struzzjoni dwar l-użu tad-*data* personali .................................................. 13

Appendiċi D It-termini tal-ftehim tal-partijiet dwar suġġetti oħra ...................................... 18

## 2. Preambolu

1. Dawn il-Klawżoli Kuntrattwali (il-Klawżoli) jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tal-kontrollur tad-*data* u tal-proċessur tad-*data*, meta jkunu qed jipproċessaw id-*data* personali f'isem il-kontrollur tad-*data*.

2. Il-Klawżoli tfasslu biex jiżguraw il-konformità tal-partijiet mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

3. Fil-kuntest tal-forniment tal- [ISEM TAS-SERVIZZ], il-proċessur tad-*data* għandu jipproċessa d-*data* personali f'isem il-kontrollur tad-*data* f'konformità mal-Klawżoli.

4. Il-Klawżoli għandhom jieħdu prijorità fuq kwalunkwe dispożizzjoni simili li tinsab fi ftehim ieħor bejn il-partijiet.

5. Erba' appendiċi huma mehmuża mal-Klawżoli u jiffurmaw parti integrali mill-Klawżoli.

6. L-Appendiċi A fih dettalji dwar l-ipproċessar tad-*data* personali, inklużi l-iskop u n-natura tal-ipproċessar, it-tip ta' *data* personali, il-kategoriji tas-suġġett tad-*data* u t-tul tal-ipproċessar.

7. L-Appendiċi B fih il-kundizzjonijiet tal-kontrollur tad-*data* għall-użu tas-sottoproċessuri mill-proċessur tad-*data* u lista ta' sottoproċessuri awtorizzati mill-kontrollur tad-*data*.

8. L-Appendiċi C fih l-istruzzjonijiet tal-kontrollur tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali, il-miżuri minimi ta' sigurtà li jridu jiġu implimentati mill-proċessur tad-*data* u kif għandhom jitwettqu l-awditi tal-proċessur tad-*data* u ta' kwalunkwe sottoproċessur.

9. L-Appendiċi D fih id-dispożizzjonijiet għal attivitajiet oħra li mhumiex koperti mill-Klawżoli.

10. Il-Klawżoli flimkien mal-appendiċi għandhom jinżammu bil-miktub, anke b'mod elettroniku, miż-żewġ partijiet.

11. Il-Klawżoli ma għandhomx jeżentaw lill-proċessur tad-*data* mill-obbligi li għalihom huwa soġġett il-proċessur tad-*data* skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (il-GDPR) jew leġiżlazzjoni oħra.

## 3. Id-drittijiet u l-obbligi tal-kontrollur tad-*data*

1. Il-kontrollur tad-*data* huwa responsabbli biex jiżgura li l-ipproċessar tad-*data* personali jitwettaq f'konformità mal-GDPR (ara l-Artikolu 24 tal-GDPR), mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew ta' Stat Membru [1] dwar il-protezzjoni tad-*data* u mal-Klawżoli.

2. Il-kontrollur tad-*data* għandu d-dritt u l-obbligu li jieħu deċiżjonijiet dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali.

3. Il-kontrollur tad-*data* għandu jkun responsabbli, fost oħrajn, biex jiżgura li l-ipproċessar tad-*data* personali, li l-proċessur tad-*data* jkun intalab iwettaq, ikollu bażi ġuridika.

[1] Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru fil-Klawżoli għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

## 4. Il-proċessur tad-*data* jaġixxi skont l-istruzzjonijiet

1. Il-proċessur tad-*data* għandu jipproċessa d-*data* personali biss fuq struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur tad-*data*, sakemm ma jkunx meħtieġ li jagħmel hekk mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-proċessur. Tali struzzjonijiet għandhom ikunu speċifikati fl-appendiċi A u C. Struzzjonijiet sussegwenti jistgħu jingħataw ukoll mill-kontrollur tad-*data* tul l-ipproċessar tad-*data* personali, iżda tali struzzjonijiet għandhom dejjem ikunu dokumentati u miżmuma bil-miktub, anke b'mod elettroniku, b'rabta mal-Klawżoli.

2. Il-proċessur tad-*data* għandu minnufih jgħarraf lill-kontrollur tad-*data* jekk l-istruzzjonijiet mogħtija mill-kontrollur tad-*data*, fil-fehma tal-proċessur tad-*data*, imorru kontra l-GDPR jew id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-*data*.

   [NOTA: IL-PARTIJIET GĦANDHOM JIPPREVEDU U JIKKUNSIDRAW IL-KONSEGWENZI LI JISTGĦU JIRRIŻULTAW MINN STRUZZJONIJIET POTENZJALMENT ILLEGALI MOGĦTIJA MILL-KONTROLLUR TAD-*DATA* U JIRREGOLAW DAN BI QBIL BEJN IL-PARTIJIET.]

## 5. Kunfidenzjalità

1. Il-proċessur tad-*data* għandu jagħti aċċess għad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata f'isem il-kontrollur tad-*data* lil persuni taħt l-awtorità tal-proċessur tad-*data* li jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew qegħdin taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità u biss abbażi ta' ħtieġa ta' tagħrif. Il-lista ta' persuni li jkun ingħatalhom aċċess jeħtieġ li tinżamm taħt rieżami perjodiku. Abbażi ta' dan ir-rieżami, tali aċċess għad-*data* personali jista' jiġi rtirat, jekk l-aċċess ma jkunx aktar meħtieġ, u konsegwentement id-*data* personali ma tibqax aktar aċċessibbli għal dawk il-persuni.

2. Il-proċessur tad-*data* għandu fuq talba tal-kontrollur tad-*data* juri li l-persuni kkonċernati taħt l-awtorità tal-proċessur tad-*data* huma soġġetti għall-kunfidenzjalità msemmija hawn fuq.

## 6. Is-sigurtà tal-ipproċessar

1. L-Artikolu 32 tal-GDPR jistipula li, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest, u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskju ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur tad-*data* u l-proċessur tad-*data* għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

   Il-kontrollur tad-*data* għandu jevalwa r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi inerenti fl-ipproċessar u jimplimenta miżuri biex itaffi dawk ir-riskji. Skont ir-rilevanza tagħhom, il-miżuri jistgħu jinkludu dan li ġej:

   a. il-psewdonimizzazzjoni u l-kriptaġġ tad-*data* personali;

   b. il-kapaċità li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà u r-reżiljenza kontinwi tas-sistemi u s-servizzi tal-ipproċessar;

   c. il-kapaċità li jiġu restawrati d-disponibbiltà u l-aċċess għad-*data* personali fil-pront fil-każ ta' inċident fiżiku jew tekniku;

   d. proċess sabiex b'mod regolari tiġi ttestjata, ivvalutata u evalwata l-effettività tal-miżuri tekniċi u organizzattivi li jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar.

2. Skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, il-proċessur tad-*data* għandu wkoll – indipendentement mill-kontrollur tad-*data* – jevalwa r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi inerenti fl-ipproċessar u

jimplimenta miżuri biex itaffi dawk ir-riskji. Għal dan il-għan, il-kontrollur tad-*data* għandu  jipprovdi lill-proċessur tad-*data* l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jidentifika u jevalwa tali riskji.

3. Barra minn hekk, il-proċessur tad-*data* għandu jassisti lill-kontrollur tad-*data* sabiex jiżgura l-konformità mal-obbligi tal-kontrollur tad-*data* skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, billi *inter alia* jipprovdi lill-kontrollur tad-*data* l-informazzjoni dwar il-miżuri tekniċi u organizzattivi diġà implimentati mill-proċessur tad-*data* skont l-Artikolu 32 tal-GDPR flimkien mal-informazzjoni l-oħra kollha meħtieġa biex il-kontrollur tad-*data* jikkonforma mal-obbligu tal-kontrollur tad-*data* taħt l-Artikolu 32 tal-GDPR.

   Jekk sussegwentement – fil-valutazzjoni tal-kontrollur tad-*data* – il-mitigazzjoni tar-riskji identifikati tirrikjedi li jiġu implimentati miżuri ulterjuri mill-proċessur tad-*data*, minn dawk diġà implimentati mill-proċessur tad-*data* skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, il-kontrollur tad-*data* għandu jispeċifika dawn il-miżuri addizzjonali li jridu jiġu implimentati fl-Appendiċi C.

## 7. L-użu tas-sottoproċessuri

1. Il-proċessur tad-*data* għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 28(2) u (4) tal-GDPR sabiex jimpjega proċessur ieħor (sottoproċessur).

2. Għalhekk, il-proċessur tad-*data* ma għandux jimpjega proċessur ieħor (sottoproċessur) biex jiġu ssodisfati l-Klawżoli mingħajr [GĦAŻLA 1] l-awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub minn qabel / [GĦAŻLA 2] l-awtorizzazzjoni ġenerali bil-miktub tal-kontrollur tad-*data*.

3. [GĦAŻLA 1 AWTORIZZAZZJONI SPEĊIFIKA MINN QABEL] Il-proċessur tad-*data* għandu jimpjega sottoproċessuri unikament bl-awtorizzazzjoni speċifika minn qabel tal-kontrollur tad-*data*. Il-proċessur tad-*data* għandu jippreżenta t-talba għal awtorizzazzjoni speċifika tal-anqas [SPEĊIFIKA l-PERJODU TA' ŻMIEN] qabel ma jiġi impjegat is-sottoproċessur ikkonċernat. Il-lista ta' sottoproċessuri diġà awtorizzati mill-kontrollur tad-*data* tista' tinstab fl-Appendiċi B.

   [GĦAŻLA 2 AWTORIZZAZZJONI ĠENERALI BIL-MIKTUB] Il-proċessur tad-*data* għandu l-awtorizzazzjoni ġenerali tal-kontrollur tad-*data* biex jimpjega s-sottoproċessuri. Il-proċessur tad-*data* għandu jinforma bil-miktub lill-kontrollur tad-*data* bi kwalunkwe intenzjoni ta' bidliet rigward iż-żieda jew is-sostituzzjoni ta' sottoproċessuri tal-anqas [SPEĊIFIKA l-PERJODU TA' ŻMIEN] minn qabel, b'hekk il-kontrollur tad-*data* jingħata l-opportunità li joġġezzjona għal tali bidliet qabel jiġu impjegati s-sottoproċessuri kkonċernati. Perjodi itwal ta' żmien għal notifika minn qabel għal servizzi speċifiċi ta' sottoproċessar jistgħu jiġu pprovduti fl-Appendiċi B. Il-lista ta' sottoproċessuri diġà awtorizzati mill-kontrollur tad-*data* tista' tinstab fl-Appendiċi B.

4. Meta l-proċessur tad-*data* jimpjega sottoproċessur biex iwettaq attivitajiet speċifiċi tal-ipproċessar f'isem il-kontrollur tad-*data*, għandhom jiġu imposti l-istess obbligi ta' protezzjoni tad-*data* kif stipulati fil-Klawżoli fuq dak is-sottoproċessur permezz ta' kuntratt jew ta' att legali ieħor skont il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru, b'mod partikolari li jipprovdu garanziji suffiċjenti biex jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa b'tali mod li l-ipproċessar jissodisfa r-rekwiżiti tal-Klawżoli u tal-GDPR.

   Għaldaqstant il-proċessur tad-*data* għandu jkun responsabbli li jirrikjedi li s-sottoproċessur tal-anqas jikkonforma mal-obbligi li għalihom huwa soġġett il-proċessur tad-*data* skont il-Klawżoli u l-GDPR.

5. Kopja ta' tali ftehim tas-sottoproċessur u ta' emendi sussegwenti għandha – fuq talba tal-kontrollur tad-*data* – tiġi ppreżentata lill-kontrollur tad-*data*, b'hekk il-kontrollur tad-*data* jingħata l-opportunità li jiżgura li jiġu imposti l-istess obbligi ta' protezzjoni tad-*data* fuq is-sottoproċessur hekk kif stipulat fil-Klawżoli. Il-Klawżoli dwar kwistjonijiet relatati man-negozju li ma jaffettwawx il-kontenut legali tal-

protezzjoni tad-*data* fil-ftehim tas-sottoproċessur, ma għandhomx jeħtieġu preżentazzjoni lill-kontrollur tad-*data*.



6. Il-proċessur tad-data għandu jaqbel ma' klawżola tal-parti terza benefiċjarja mas-sottoproċessur fejn – fil-każ ta' falliment tal-proċessur tad-*data* – il-kontrollur tad-*data* għandu jkun parti terza benefiċjarja għall-ftehim tas-sottoproċessur u għandu jkollu d-dritt li jinforza l-ftehim kontra s-sottoproċessur impjegat mill-proċessur tad-*data*, eż li jippermetti li l-kontrollur tad-*data* jagħti struzzjonijiet lis-sottoproċessur biex iħassar jew jirritorna d-*data* personali.

7. Jekk is-sottoproċessur ma jissodisfax l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* tiegħu, il-proċessur tad-*data* għandu jibqa' kompletament responsabbli quddiem il-kontrollur tad-*data* fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi tas-sottoproċessur. Dan ma jaffettwax id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont il-GDPR – b'mod partikolari dawk previsti fl-Artikoli 79 u 82 tal-GDPR – fil-konfront tal-kontrollur tad-*data* u l-proċessur tad-*data*, inkluż is-sottoproċessur.

## 8. It-trasferiment ta' *data* lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali

1. Kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali mill-proċessur tad-*data* għandu jseħħ biss abbażi ta' struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur tad-*data* u għandu jseħħ dejjem f'konformità mal-Kapitolu V tal-GDPR.

2. F'każ li t-trasferimenti lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, li l-proċessur tad-*data* ma jkunx ingħata struzzjonijiet biex iwettaq mill-kontrollur tad-*data*, ikun meħtieġ skont il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-proċessur tad-*data*, il-proċessur tad-*data* għandu jinforma lill-kontrollur tad-*data* dwar dak ir-rekwiżit legali qabel l-ipproċessar sakemm dik il-liġi ma tipprojbixxix din l-informazzjoni għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku.

3. Mingħajr struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur tad-*data*, il-proċessur tad-*data* ma jistax, għaldaqstant, fi ħdan il-qafas tal-Klawżoli:

    a. jittrasferixxi *data* personali lil kontrollur tad-*data* jew lil proċessur tad-*data* f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali

    b. jittrasferixxi l-ipproċessar ta' *data* personali lil sottoproċessur f'pajjiż terz

    c. ikollu d-*data* personali pproċessata mill-proċessur tad-*data* f'pajjiż terz

4. L-istruzzjonijiet tal-kontrollur tad-*data* rigward it-trasferiment ta' *data* personali f'pajjiż terz inkluża, jekk applikabbli, l-għodda ta' trasferiment taħt il-Kapitolu V tal-GDPR li fuqu huma bbażati, għandhom jiġu stabbiliti fl-Appendiċi C.6.

5. Il-Klawżoli ma għandhomx jiġu mħawda mal-klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data* fit-tifsira tal-Artikolu 46(2)(c) u (d) tal-GDPR, u l-partijiet ma jistgħux joqogħu fuq il-Klawżoli bħala għodda ta' trasferiment taħt il-Kapitolu V tal-GDPR.

## 9. Assistenza lill-kontrollur tad-*data*

1. Filwaqt li titqies in-natura tal-ipproċessar, il-proċessur tad-*data* għandu jassisti lill-kontrollur tad-*data* permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, sakemm dan ikun possibbli, fit-twettiq tal-obbligi tal-kontrollur tad-*data* biex iwieġeb għal talbiet fl-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* stabbiliti fil-Kapitolu III tal-GDPR.

Dan ifisser li l-proċessur tad-*data* għandu, sakemm dan ikun possibbli, jassisti lill-kontrollur tad-*data* fil-konformità tal-kontrollur tad-*data* ma':

a. id-dritt li jiġi infurmat meta tinġabar *data* personali mingħand is-suġġett tad-*data*
b. id-dritt li jiġi infurmat meta d-*data* personali ma tkunx inkisbet mingħand is-suġġett tad-*data*
c. id-dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-*data*
d. id-dritt għal rettifika
e. id-dritt għal tħassir ("id-dritt li wieħed jintesa")
f. id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar
g. l-obbligu ta' notifika rigward rettifika jew tħassir ta' *data* personali jew restrizzjoni tal-ipproċessar
h. id-dritt għal portabbiltà tad-*data*
i. id-dritt ta' oġġezzjoni
j. id-dritt li ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata unikament fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili

2. Minbarra l-obbligu tal-proċessur tad-*data* li jassisti l-kontrollur tad-*data* skont il-Klawżola 6.4., il-proċessur tad-*data* għandu, ulterjorment, filwaqt li titqies in-natura tal-ipproċessar u l-informazzjoni disponibbli għall-proċessur tad-*data*, jassisti lill-kontrollur tad-*data* sabiex jassigura l-konformità ma':

   a. l-obbligu tal-kontrollur tad-*data* li mingħajr dewmien żejjed u, fejn fattibbli, mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li jkun sar jaf dwaru, jinnotifika l-ksur tad-*data* personali lill-awtorità superviżorja kompetenti, [JEKK JOGĦĠBOK INDIKA L-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA KOMPETENTI], dment li l-ksur tad-*data* personali x'aktarx ma jirriżultax f'riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi;

   b. l-obbligu tal-kontrollur tad-*data* biex mingħajr dewmien żejjed jikkomunika l-ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data*, meta l-ksur tad-*data* personali x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi;

   c. l-obbligu tal-kontrollur tad-*data* li jwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjoni ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-*data* personali (valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*);

   d. l-obbligu tal-kontrollur tad-*data* li jikkonsulta mal-awtorità superviżorja kompetenti, [JEKK JOGĦĠBOK INDIKA L-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA KOMPETENTI], qabel l-ipproċessar fejn valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* tindika li l-ipproċessar jirriżulta f'riskju għoli fin-nuqqas ta' miżuri meħuda mill-kontrollur tad-*data* biex jittaffa r-riskju.

3. Il-partijiet għandhom jiddefinixxu, fl-Appendiċi C, il-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa li bihom il-proċessur tad-*data* jkun meħtieġ jassisti lill-kontrollur tad-*data*, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-limitu tal-assistenza meħtieġa. Dan japplika għall-obbligi previsti fil-Klawżoli 9.1. u 9.2.

## 10. Notifika ta' ksur ta' *data* personali

1. F'każ ta' kwalunkwe ksur ta' *data* personali, il-proċessur tad-*data* għandu, mingħajr dewmien bla bżonn u wara li jkun sar jaf, jinnotifika lill-kontrollur tad-*data* dwar il-ksur tad-*data* personali.

2. Jekk dan ikun possibbli, in-notifika tal-proċessur tad-*data* lill-kontrollur tad-*data* għandha sseħħ fi żmien [NUMRU TA' SIGĦAT] wara li l-proċessur tad-*data* jkun sar jaf bil-ksur tad-*data* personali, sabiex il-kontrollur tad-*data* jkun jista' jikkonforma mal-obbligu tal-kontrollur tad-*data* li jinnotifika l-ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja kompetenti, ara l-Artikolu 33 tal-GDPR.

3. Skont il-Klawżola 9(2)(a), il-proċessur tad-*data* għandu jassisti lill-kontrollur tad-*data* biex  jinnotifika l-ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja kompetenti, fis-sens li l-proċessur tad-*data* jkun meħtieġ jassisti fil-kisba tal-informazzjoni elenkata hawn taħt li, skont l-Artikolu 33(3) tal-GDPR, għandha tiġi ddikjarata fin-notifika tal-kontrollur tad-*data* lill-awtorità superviżorja kompetenti:

   a. In-natura tad-*data* personali inklużi, fejn hu possibbli, il-kategoriji u n-numru approssimattiv tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati u l-kategoriji u n-numru approssimattiv ta' *data* personali rreġistrata kkonċernata;

   b. il-konsegwenzi mistennija tal-ksur ta' *data* personali;

   c. il-miżuri mittieħda jew proposti li jridu jittieħdu mill-kontrollur sabiex jindirizza l-ksur ta' *data* personali, inkluż, fejn xieraq, miżuri biex itaffi l-effetti ħżiena possibbli.

4. Il-partijiet għandhom jiddefinixxu fl-Appendiċi D, l-elementi kollha li jridu jiġu pprovduti mill-proċessur tad-*data* biex jassisti lill-kontrollur tad-*data* fin-notifika ta' ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja kompetenti.

## 11. Tħassir u ritorn ta' *data*

1. Mat-terminazzjoni tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, il-proċessur tad-*data* għandu l-obbligu [GĦAŻLA 1] iħassar id-*data* personali kollha pproċessata f'isem il-kontrollur tad-*data* u jiċċertifika lill-kontrollur tad-*data* li jkun għamel hekk / [GĦAŻLA 2] jirritorna d-*data* personali kollha lill-kontrollur tad-*data* u jħassar il-kopji eżistenti sakemm il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru ma tirrikjedix li d-*data* personali tinħażen.

2. [FAKULTATTIVA] Il-liġi li ġejja tal-UE jew tal-Istat Membru applikabbli għall-proċessur tad-*data*, teħtieġ il-ħażna tad-*data* personali wara t-terminazzjoni tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* personali:

   a. […]

   Il-proċessur tad-*data* jimpenja ruħu li jipproċessa esklużivament id-*data* personali għall-finijiet u d-durata previsti minn din il-liġi, u taħt il-kundizzjonijiet applikabbli stretti.

## 12. Verifika u spezzjoni

1. Il-proċessur tad-*data* għandu jagħmel disponibbli għall-kontrollur tad-*data* l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28 u l-Klawżoli u jippermetti u jikkontribwixxi għal verifiki, inklużi spezzjonijiet, immexxija mill-kontrollur tad-*data* jew awditur ieħor li jkun ingħata l-mandat mill-kontrollur tad-*data*.

2. Il-proċeduri applikabbli għall-verifiki tal-kontrollur tad-*data*, inklużi l-ispezzjonijiet, fir-rigward tal-proċessur tad-*data* u s-sottoproċessuri huma speċifikati fl-Appendiċi C.7. u C.8.

3. Il-proċessur tad-*data* għandu jkun meħtieġ li jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji, li skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għandhom aċċess għall-faċilitajiet tal-kontrollur tad-*data* u tal-*proċessur* tad-data, jew lil rappreżentanti li jaġixxu f'isem dawn l-awtoritajiet superviżorji, b'aċċess għall-faċilitajiet fiżiċi tal-proċessur tad-*data* fuq preżentazzjoni ta' identifikazzjoni xierqa.

## 13. Il-ftehim tal-partijiet dwar termini oħra

1. Il-partijiet jistgħu jaqblu dwar klawżoli oħra li jirrigwardaw id-dispożizzjoni tas-servizz tal-ipproċessar tad-*data* personali li jispeċifikaw eż. ir-responsabbiltà, sakemm dawn ma jikkontradixxux b'mod dirett jew indirett il-Klawżoli jew jippreġudikaw id-drittijiet fundamentali jew il-libertajiet tas-suġġett tad-*data* u l-protezzjoni mogħtija mill-GDPR.

## 14. Bidu u terminazzjoni

1. Il-Klawżoli għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-firma taż-żewġ partijiet.

2. Iż-żewġ partijiet għandhom ikunu intitolati li jitolbu għan-negozjar mill-ġdid tal-Klawżoli jekk il-bidliet fil-liġi jew l-adattabbiltà tal-Klawżoli jagħtu lok għal tali negozjar mill-ġdid.

3. Il-Klawżoli għandhom japplikaw għad-durata tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* personali. Għad-durata tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* personali, il-Klawżoli ma jistgħux jintemmu sakemm ma jkunux ġew maqbula Klawżoli oħra bejn il-partijiet li jirregolaw id-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* personali.

4. Jekk tintemm id-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* personali, u d-*data* personali titħassar jew tintbagħat lura lill-kontrollur tad-*data* skont il-Klawżola 11.1. u l-Appendiċi C.4., il-Klawżoli jistgħu jintemmu b'notifika bil-miktub minn kwalunkwe waħda miż-żewġ partijiet.

5. Firma

   F'isem il-kontrollur tad-*data*

| | |
|---|---|
| Isem | [ISEM] |
| Pożizzjoni | [POŻIZZJONI] |
| Data | [DATA] |
| Firma | [FIRMA] |

   F'isem il-proċessur tad-*data*

| | |
|---|---|
| Isem | [ISEM] |
| Pożizzjoni | [POŻIZZJONI] |
| Data | [DATA] |
| Firma | [FIRMA] |

## 15. Kuntatti/punti ta' kuntatt tal-kontrollur tad-*data* u tal-proċessur tad-*data*

1. Il-partijiet jistgħu jagħmlu kuntatt ma' xulxin billi jużaw il-kuntatti/punti ta' kuntatt li ġejjin:

2. Il-partijiet għandhom l-obbligu li b'mod kontinwu jinfurmaw lil xulxin bil-bidliet fil-kuntatti/punti ta' kuntatt.

| | |
|---|---|
| Isem | [ISEM] |
| Pożizzjoni | [POŻIZZJONI] |
| Telefon | [TELEFON] |
| Email | [EMAIL] |

| | |
|---|---|
| Isem | [ISEM] |
| Pożizzjoni | [POŻIZZJONI] |
| Telefon | [TELEFON] |
| Email | [EMAIL] |

## Appendiċi A Informazzjoni dwar l-ipproċessar

[NOTA: FIL-KAŻ TA' DIVERSI ATTIVITAJIET TAL-IPPROĊESSAR, DAWN L-ELEMENTI JRIDU JITWETTQU GĦAL KULL WAĦDA MILL-ATTIVITAJIET TAL-IPPROĊESSAR.]

**A.1. L-iskop tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data* huwa:**

[IDDESKRIVI L-ISKOP TAL-IPPROĊESSAR].

**A.2. L-ipproċessar tad-*data* personali mill-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data* għandu jappartjeni prinċipalment għal (in-natura tal-ipproċessar):**

[IDDESKRIVI N-NATURA TAL-IPPROĊESSAR].

**A.3. L-ipproċessar jinkludi t-tipi li ġejjin ta' *data* personali dwar suġġetti tad-*data*:**

[IDDESKRIVI T-TIP TA' *DATA* PERSONALI LI QED TIĠI PPROĊESSATA].

[PEREŻEMPJU]

*"Isem, indirizz tal-email, numru tat-telefon, indirizz, numru tal-identifikazzjoni nazzjonali, dettalji tal-ħlas, numru tas-sħubija, tip ta' sħubija, attendenza fiċ-ċentru tal-fitness u reġistrazzjoni għal klassijiet speċifiċi tal-fitness."*

[NOTA: ID-DESKRIZZJONI GĦANDHA SSIR BL-AKTAR MOD DETTALJAT POSSIBBLI U, F'KULL ĊIRKOSTANZA, IT-TIPI TA' *DATA* PERSONALI JRIDU JIĠU SPEĊIFIKATI AKTAR MINN SEMPLIĊIMENT "*DATA* PERSONALI KIF IDDEFINITA FL-ARTIKOLU 4(1) tal-GDPR" JEW BID-DIKJARAZZJONI DWAR LIEMA KATEGORIJA ("L-ARTIKOLU 6, 9 JEW 10 tal-GDPR") TA' *DATA* PERSONALI TKUN SOĠĠETTA GĦALL-IPPROĊESSAR.]

**A.4. L-ipproċessar jinkludi l-kategoriji li ġejjin tas-suġġett tad-*data*:**

[IDDESKRIVI L-KATEGORIJA TAS-SUĠĠETT TAD-*DATA*].

**A.5. L-ipproċessar tad-*data* personali mill-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data* jista' jitwettaq meta jibdew il-Klawżoli. L-ipproċessar għandu d-durata li ġejja:**

[IDDESKRIVI D-DURATA TAL-IPPROĊESSAR].

**Appendiċi A**

**B.1. Sottoproċessuri approvati**

Mal-bidu tal-Klawżoli, il-kontrollur tad-*data* jawtorizza l-impjieg tas-sottoproċessuri li ġejjin:

| ISEM | CVR | INDIRIZZ | DESKRIZZJONI TAL-IPPROĊESSAR |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

Mal-bidu tal-Klawżoli, il-kontrollur tad-*data* għandu jawtorizza l-użu tas-sottoproċessuri msemmija hawn fuq għall-ipproċessar deskritt għal dik il-parti. Il-proċessur tad-*data* ma għandux ikun intitolat – mingħajr l-awtorizzazzjoni espliċita bil-miktub tal-kontrollur tad-*data* – li jqabbad sottoproċessur għal proċessar "differenti" minn dak li jkun sar qbil dwaru jew li jkollu sottoproċessur ieħor iwettaq l-ipproċessar deskritt.

**B.2. Avviż minn qabel għall-awtorizzazzjoni tas-sottoproċessuri**

[FAKULTATTIVA] [JEKK APPLIKABBLI, IDDESKRIVI L-PERJODI TA' ŻMIEN TA' AVVIŻ MINN QABEL GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TAS-SOTTOPROĊESSURI]

**Appendiċi B**

**C.1. Is-suġġett ta'/struzzjoni għall-ipproċessar**

L-ipproċessar tad-*data* personali mill-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data* għandu jitwettaq mill-proċessur tad-*data* li qed iwettaq dan li ġej:

[IDDESKRIVI L-IPPROĊESSAR LI DWARU L-PROĊESSUR TAD-*DATA* NGĦATA STRUZZJONIJIET BIEX IWETTAQ].

**C.2. Is-sigurtà tal-ipproċessar**

Il-livell tas-sigurtà għandu jikkunsidra:

[FILWAQT LI JITQIESU N-NATURA, IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI, IL-KUNTEST U L-FINIJIET TAL-ATTIVITÀ TAL-IPPROĊESSAR KIF UKOLL IR-RISKJU GĦAD-DRITTIJIET U L-LIBERTAJIET TAL-PERSUNI FIŻIĊI, IDDESKRIVI L-ELEMENTI LI HUMA ESSENZJALI GĦAL-LIVELL TAS-SIGURTÀ]

[PEREŻEMPJU]

*"Li l-ipproċessar jinvolvi volum kbir ta' data personali li hija soġġetta għall-Artikolu 9 tal-GDPR fir-rigward ta' "kategoriji speċjali tad-data personali" u li għalhekk għandu jiġi stabbilit livell "għoli" ta' sigurtà."*

*Il-proċessur tad-data minn hawn 'il quddiem għandu jkun intitolat u taħt l-obbligu li jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi li għandhom jiġu applikati biex jinħoloq il-livell meħtieġ (u maqbul) ta' sigurtà tad-data.*

*Madankollu, il-proċessur tad-data għandu – fi kwalunkwe każ u tal-anqas – jimplimenta l-miżuri li ġejjin li ġew maqbula mal-kontrollur tad-data:*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-PSEWDONIMIZZAZZJONI U L-KRIPTAĠĠ TAD-DATA PERSONALI]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI BIEX JIĠU ŻGURATI L-KUNFIDENZJALITÀ, L-INTEGRITÀ, ID-DISPONIBBILTÀ U R-REŻILJENZA B'MOD KONTINWU TAS-SISTEMI U S-SERVIZZI TAL-IPPROĊESSAR ]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-KAPAĊITÀ LI JIĠU RESTAWRATI D-DISPONIBBILTÀ U L-AĊĊESS GĦAL DATA PERSONALI B'MOD XIERAQ FIL-KAŻ TA' INĊIDENT FIŻIKU JEW TEKNIKU]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI TAL-PROĊESSI GĦALL-ITTESTJAR, IL-VALUTAZZJONI U L-EVALWAZZJONI B'MOD REGOLARI TAL-EFFETTIVITÀ TAL-MIŻURI TEKNIĊI U ORGANIZZATTIVI BIEX TIĠI ASSIGURATA S-SIGURTÀ TAL-IPPROĊESSAR]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-AĊĊESS TA' DATA ONLINE]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA WAQT IT-TRAŻMISSJONI]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA WAQT IL-ĦAŻNA]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦAS-SIGURTÀ FIŻIKA TAL-POSTIJIET LI FIHOM TIĠI PPROĊESSATA D-DATA PERSONALI]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦALL-UŻU TAX-XOGĦOL MID-DAR/MILL-BOGĦOD]*

*[IDDESKRIVI R-REKWIŻITI GĦAR-REĠISTRAZZJONI]*

**C.3. Assistenza lill-kontrollur tad-*data***

Il-proċessur tad-*data* għandu sakemm dan ikun possibbli – fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-firxa tal-assistenza speċifikata hawn taħt – jassisti lill-kontrollur tad-*data* skont il-Klawżola 9.1. u 9.2. billi jimplimenta l-miżuri tekniċi u organizzattivi li ġejjin:

[IDDESKRIVI L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI U L-FIRXA TAL-ASSISTENZA LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-PROĊESSUR TAD-*DATA*]

[IDDESKRIVI L-MIŻURI TEKNIĊI U ORGANIZZATTIVI SPEĊIFIĊI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU MILL-PROĊESSUR TAD-*DATA* SABIEX JIPPROVDI L-ASSISTENZA LILL-KONTROLLUR TAD-*DATA*]

**C.4. Perjodu ta' ħażna/proċeduri ta' tħassir**

[IDDIKJARA IL-PERJODU TA' ĦAŻNA/PROĊEDURI TA' TĦASSIR GĦALL-PROĊESSUR TAD-*DATA*, JEKK APPLIKABBLI]

[PEREŻEMPJU]

*"Id-data personali tinħażen għal [IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN JEW INĊIDENT] u wara dan id-data personali titħassar b'mod awtomatiku mill-proċessur tad-data.*

*Mat-terminazzjoni tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data personali, il-proċessur tad-data għandu jew iħassar jew jibgħat lura d-data personali skont il-Klawżola 11.1., sakemm il-kontrollur tad-data – wara l-firma tal-kuntratt – ma jkunx immodifika l-għażla oriġinali tal-kontrollur tad-data. Tali modifika għandha tiġi ddokumentata u miżmuma bil-miktub, anke b'mod elettroniku, b'rabta mal-Klawżoli."*

**C.5. Il-post tal-ipproċessar**

L-ipproċessar tad-*data* personali skont il-Klawżoli ma jistax jitwettaq f'postijiet oħra għajr dawk li ġejjin mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tal-kontrollur tad-*data*:

[IDDIKJARA FEJN ISEĦĦ L-IPPROĊESSAR] [IDDIKJARA L-PROĊESSUR TAD-*DATA* JEW IS-SOTTOPROĊESSUR LI QED JUŻA L-INDIRIZZ]

**C.6. L-istruzzjoni dwar it-trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi**

[IDDESKRIVI STRUZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENTI TA' *DATA* PERSONALI LIL PAJJIŻ TERZ JEW ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI]

[IDDIKJARA L-BAŻI ĠURIDIKA GĦAT-TRASFERIMENT SKONT IL-KAPITOLU V TAL-GDPR]
Jekk fil-Klawżoli jew sussegwentement il-kontrollur tad-*data* ma jipprovdix struzzjonijiet dokumentati dwar it-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiż terz, il-proċessur tad-*data* ma għandux ikun intitolat fil-qafas tal-Klawżoli li jwettaq dan it-trasferiment.

**C.7. Il-proċeduri għall-verifiki tal-kontrollur tad-*data*, inklużi l-ispezzjonijiet, tal-ipproċessar tad-*data* personali li jkun qed jitwettaq mill-proċessur tad-*data***

[IDDESKRIVI L-PROĊEDURI GĦALL-VERIFIKI TAL-KONTROLLUR TAD-*DATA*, INKLUŻI L-ISPEZZJONIJIET, TAL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* PERSONALI MILL-PROĊESSUR TAD-*DATA*]

Pereżempju:

*"Il-proċessur tad-data għandu [IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN] a spejjeż tal-[PROĊESSUR TAD-DATA/KONTROLLUR TAD-DATA] jikseb [RAPPORT TA' AWDITUR/RAPPORT TA' SPEZZJONI] minn parti terza indipendenti dwar il-konformità tal-proċessur tad-data mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Il-partijiet qablu li t-tipi li ġejjin ta' [RAPPORT TAL-AWDITUR/RAPPORT TAL-ISPEZZJONI] jistgħu jintużaw f'konformità mal-Klawżoli:*

*[DAĦĦAL RAPPORTI TAL-AWDITUR/RAPPORTI TAL-ISPEZZJONIJIET "APPROVATI"]*

*Mingħajr dewmien żejjed, ir- [RAPPORT TAL-AWDITUR/RAPPORT TAL-ISPEZZJONI] għandu jiġi ppreżentat lill-kontrollur tad-data bħala informazzjoni. Il-kontrollur tad-data jista' jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni u/jew il-metodoloġija tar-rapport u f'dawn il-każijiet jista' jitlob għal verifika/spezzjoni ġdida taħt kamp ta' applikazzjoni rivedut u/jew metodoloġija differenti.*

*Abbażi tar-riżultati ta' tali verifika/spezzjoni, il-kontrollur tad-data jista' jitlob li jittieħdu miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Il-kontrollur tad-data jew ir-rappreżentant tal-kontrollur tad-data għandu, barra minn hekk, ikollu aċċess biex jispezzjona, anke b'mod fiżiku, il-postijiet, fejn jitwettaq l-ipproċessar tad-data personali mill-proċessur tad-data, inklużi l-faċilitajiet fiżiċi kif ukoll is-sistemi użati kemm għall-ipproċessar kif ukoll b'rabta miegħu. Tali spezzjoni għandha titwettaq, meta l-kontrollur tad-data jqis li tkun meħtieġa."*

[JEW]

*"Il-kontrollur tad-data jew ir-rappreżentant tal-kontrollur tad-data għandu [IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN] jwettaq spezzjoni fiżika tal-postijiet, fejn jitwettaq l-ipproċessar tad-data personali mill-proċessur tad-data, inklużi l-faċilitajiet fiżiċi kif ukoll is-sistemi użati kemm għall-ipproċessar kif ukoll b'rabta miegħu sabiex tiġi aċċertata l-konformità tal-proċessur tad-data mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Minbarra l-ispezzjoni ppjanata, il-kontrollur tad-data jista' jwettaq spezzjoni tal-proċessur tad-data meta l-kontrollur tad-data jqis li din tkun meħtieġa"*

[U, JEKK APPLIKABBLI]

*"L-ispejjeż tal-kontrollur tad-data, jekk applikabbli, relatati mal-ispezzjoni fiżika għandhom jitħallsu mill-kontrollur tad-data. Madankollu, il-proċessur tad-data għandu l-obbligu li jwarrab ir-riżorsi (l-aktar il-ħin) meħtieġa mill-kontrollur tad-data biex ikun jista' jwettaq l-ispezzjoni."*

**C.8. [JEKK APPLIKABBLI] Il-proċeduri għall-verifiki, inklużi l-ispezzjonijiet, tal-ipproċessar tad-*data* personali li jkun qed jitwettaq mis-sottoproċessuri**

[JEKK APPLIKABBLI, IDDESKRIVI L-PROĊEDURI GĦALL-VERIFIKI TAL-KONTROLLUR TAD-*DATA*, INKLUŻI L-ISPEZZJONIJIET, FIR-RIGWARD TAL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* PERSONALI MIS-SOTTOPROĊESSUR]

[PEREŻEMPJU]

*"Il-proċessur tad-data għandu [IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN] a spejjeż tal-[PROĊESSUR TAD-DATA/KONTROLLUR TAD-DATA] jikseb [RAPPORT TA' AWDITUR/RAPPORT TA' SPEZZJONI] minn parti terza indipendenti dwar il-konformità tas-sottoproċessur mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Il-partijiet qablu li t-tipi li ġejjin ta' [RAPPORT TAL-AWDITUR/RAPPORT TAL-ISPEZZJONI] jistgħu jintużaw f'konformità mal-Klawżoli:*

*[DAĦĦAL RAPPORTI TAL-AWDITUR/RAPPORTI TAL-ISPEZZJONIJIET "APPROVATI"]*

*Mingħajr dewmien żejjed, ir- [RAPPORT TAL-AWDITUR/RAPPORT TAL-ISPEZZJONI] għandu jiġi ppreżentat lill-kontrollur tad-data bħala informazzjoni. Il-kontrollur tad-data jista' jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni u/jew il-metodoloġija tar-rapport u f'dawn il-każijiet jista' jitlob għal verifika/spezzjoni ġdida taħt kamp ta' applikazzjoni rivedut u/jew metodoloġija differenti.*

*Abbażi tar-riżultati ta' tali verifika/spezzjoni, il-kontrollur tad-data jista' jitlob li jittieħdu miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew ta'-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Il-proċessur tad-data jew ir-rappreżentant tal-proċessur tad-data għandu, barra minn hekk, ikollu aċċess biex jispezzjona, anke b'mod fiżiku, il-postijiet, fejn jitwettaq l-ipproċessar tad-data personali mis-sottoproċessur, inklużi l-faċilitajiet fiżiċi kif ukoll is-sistemi użati kemm għall-ipproċessar kif ukoll b'rabta miegħu. Tali spezzjoni għandha titwettaq, meta l-proċessur tad-data (jew il-kontrollur tad-data) iqis li din tkun meħtieġa.*

*Id-dokumentazzjoni dwar tali spezzjonijiet għandha mingħajr dewmien tiġi ppreżentata lill-kontrollur tad-data bħala informazzjoni. Il-kontrollur tad-data jista' jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni u/jew il-metodoloġija tar-rapport u jista' f'dawn il-każijiet jitlob għal spezzjoni ġdida taħt kamp ta' applikazzjoni rivedut u/jew metodoloġija differenti."*

[JEW]

*"Il-proċessur tad-data jew ir-rappreżentant tal-proċessur tad-data għandu [IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN] jwettaq spezzjoni fiżika tal-postijiet, fejn jitwettaq l-ipproċessar tad-data personali mis-sottoproċessur, inklużi l-faċilitajiet fiżiċi kif ukoll is-sistemi użati kemm għall-ipproċessar kif ukoll b'rabta miegħu sabiex tiġi aċċertata l-konformità tas-sottoproċessur mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli.*

*Minbarra l-ispezzjoni ppjanata, il-proċessur tad-data jista' jwettaq spezzjoni tas-sottoproċessur meta l-proċessur tad-data (jew il-kontrollur tad-data) iqis li din tkun meħtieġa.*

*Id-dokumentazzjoni dwar tali spezzjonijiet għandha mingħajr dewmien tiġi ppreżentata lill-kontrollur tad-data bħala informazzjoni. Il-kontrollur tad-data jista' jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni u/jew il-metodoloġija tar-rapport u jista' f'dawn il-każijiet jitlob għal spezzjoni ġdida taħt kamp ta' applikazzjoni rivedut u/jew metodoloġija differenti.*

*Abbażi tar-riżultati ta' tali spezzjoni, il-kontrollur tad-data jista' jitlob li jittieħdu miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli."*

[U, JEKK APPLIKABBLI]

*"Il-kontrollur tad-data jista' – jekk meħtieġ – jagħżel li jibda u jipparteċipa fi spezzjoni fiżika tas-sottoproċessur. Dan jista' japplika jekk il-kontrollur tad-data jqis li s-superviżjoni tal-proċessur tad-data fir-rigward tas-sottoproċessur ma pprovditx lill-kontrollur tad-data b'dokumentazzjoni suffiċjenti biex jiġi ddeterminat li l-ipproċessar mis-sottoproċessur qed jitwettaq skont il-Klawżoli.*

*Il-parteċipazzjoni tal-kontrollur tad-data fi spezzjoni tas-sottoproċessur ma għandhiex tbiddel il-fatt li l-proċessur tad-data minn hawn 'il quddiem ikompli jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għall-konformità tas-sottoproċessur mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Klawżoli."*

[U, JEKK APPLIKABBLI]

*"L-ispejjeż tal-proċessur tad-data u tas-sottoproċessur relatati mas-superviżjoni/spezzjoni fiżika fil-faċilitajiet tas-sottoproċessur ma għandhomx jikkonċernaw lill-kontrollur tad-data – irrispettivament minn jekk il-kontrollur tad-data jkunx beda u pparteċipa f'din l-ispezzjoni."*